# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

DIĊEMBRU 2021 – Ħarġa Nru: 196




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## L-EWWEL, L-AVVENT!

Għalkemm bħal daż-żmien kollox qed juri li deħlin fi żmien il-Milied: it-toroq inxtegħlu bid-dwal, il-ħwienet armati, ir-ristoranti bdew jibgħatu l-menu għall-ikliet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, riklami biex nordnaw il-hampers… għalina l-Insara, qabel il-festi tal-Milied hemm il-perijodu tal-Avvent.

**Tip ta' tħejjija**

Billi l-Milied huwa festa importanti ħafna għall-Knisja, dan għandu qablu żmien partikulari ta' tħejjija. U tajjeb li aħna l-Insara dan ma naqbzuhx u nħalluh barra! Il-fatt li l-Avvent m'għandux imdawwar miegħu ħafna tradizzjonijiet bħar-Randan, dan jista' jgħinna biex ngħixu l-Avvent aktar fuq livell spiritwali.

Kull tħejjija, l-ewwel u qabel kollox, trid tkun ibbażata fuq il-Kelma t'Alla. Il-Liturġija tal-Avvent tipprovdilna siltiet mill-Iskrittura li jgħinuna nirriflettu fuq xi tfisser l-Inkarnazzjoni – li Alla sar bniedem u għammar fostna. Sar l-Immanuel. Jekk aħna nagħmlu ftit riflessjoni fuq il-qari tal-ġurnata niksbu ġid kbir. Għalhekk tajjeb li nħabirku wkoll għall-quddiesa ta' kuljum.

Forsi ftit nindunaw xi jfisser li Alla "hu magħna" fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitna. Inizjattiva oħra tista' tkun l-Uffiċċju Divin – li allanqas nitolbu l-Lawdi u l-Għasar kuljum – talb għażiż ħafna għall-Knisja. Illum permezz tal-medja soċjali dan kollu hu possibli.

Tkun ħaġa sabiħa kieku jkun hemm min imur għal irtir ta' ġurnata. Illum hawn ħafna djar tal-irtiri fejn wieħed jista' jinqata' mill-ġenn tad-dinja u jinġabar ftit fuq dak li jkun se jiċċelebra.



**Inwellduh fina**

B'kuntrast ma' dak li naraw fuq barra, il-binja tal-knisja għandha tibqa' l-post li tfakkarna fi żmien l-Avvent, bl-armar adatt għaliha nieqes minn kull tiżjin, allanqas sal-aħħar ġranet tal-Avvent.

Nittama, għalhekk, li minkejja li esternament l-atmosfera tal-Milied diġà ħadet sew, aħna

l-Kattoliċi nfittxu li ngħixu l-Avvent. Dan iwassalna biex it-twelid ta' Ġesù ma jkunx okkażjoni oħra fejn nifirħu għall-mument, u wara kollox jintesa. Bit-tħejjija tagħna, aħna nwelldu fina lill-Mulej mill-gdid biex bħal Marija, inwassluh lil oħrajn.

Nawguralkom l-Avvent it-Tajjeb.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … DIĊEMBRU 2021

**Ġimgħa 3:** San Franġisku Saverju, presbiteru – Tifkira O. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Wara l-quddiesa tas-6.00pm ħin ta' adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Ħadd 5:** **It-Tieni Ħadd tal-Avvent**
**Tlieta 7:** San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Erbgħa 8:** **It-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija – l-Immakulata Kunċizzjoni.** Festa pubblika. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies li jkun bħala nhar ta' xogħol.
**Ħadd 12:** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**
**Tnejn 13:** Santa Luċija, verġni u martri – Tifkira O. *Jum ir-Repubblika.* Festa nazzjonali u pubblika. Il-quddies ikun bħal nhar ta' xogħol.
**Tlieta 14:** San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Erbgħa 15:** *Bidu tan-Novena tal-Milied*. Fis-6.00pm quddiesa animata minn diversi gruppi tal-parroċċa.
**Ħadd 19:** **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**
**Ġimgħa 24:** *Lejlet il-Milied.* Fl-9.45pm tibda l-Velja tal-Lejla tal-Milied u l-priedka tat-tifel. Fl-10.30pm purċissjoni mal-knisja bil-Bambin u Konċelebrazzjoni Solenni.
**Sibt 25:** **It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu**. Festa kmandata bl-obbligu tal-quddies li jkun bħal nhar ta' Ħadd. Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni
**Ħadd 26:** **Festa tal-Familja Mqaddsa**
**Tnejn 27:** San Ġwann, appostlu u evanġelista – Festa
**Tlieta 28:** Il-Qaddisin Innoċenti Martri – Festa
**Erbgħa 29:** Wara l-quddiesa tat-8.30am jibdew il-Kwaranturi sa 12.00pm. Nerġgħu nesponu fl-4.30pm. Fis-6.00pm quddiesa bil-kant tal-Għasar u wara ċelebrazzjoni Ewkaristika u barka Sagramentali.
**Ħamis 30:** It-Tieni Jum tal-Kwaranturi. Kollox bħall-jum ta' qabel.
**Ġimgħa 31:** Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni ta' radd-il ħajr f'għeluq is-sena, purċissjoni mal-knisja bis-SS.mu Sagrament f'għeluq il-Kwaranturi, kant tat-*Te Deum* u Barka Sagramentali.

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Diċembru**

Ejjew nitolbu għall-KATEKISTI li huma msejħa biex iwasslu l-Kelma t'Alla; jalla jkunu ta' xhieda bil-kuraġġ u l-krejattività mdawlin mill-Ispirtu s-Santu.



**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Carmela Schembri (74), Frans Scicluna (88), Rożina Mizzi (88), Carmen Hili (74), George Micallef (74), Grace Clements (93), Grace Sciberras (71), Mario Micallef (31), Anthony Pullicino (71), Gwido Grech (74), Theresa Attard (91), Frances Mugliett (84), George Bugeja (69).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*